# TRIBUNAL INDUSTRJALI

# DECIZJONI PRELIMINARI NRU:2469

**Kaz Numru : 3518/DP**

**Fit-Tilwima tax-Xoghol**

**bejn**

**Airmalta plc**

**u**

**Association of Airline Operations Controllers (Malta)**

**u**

**General Workers' Union (GWU)**

**dwar : illi t-Tribunal Industrijali ghandu jiddeciedi lil min il-Kumpanija Airmalta plc ghandha taghti gharfien trejd unjonistiku, ewlieni u esklussiv, jekk hux lil General Workers Union jew lil Association of Airline Operations Controllers (Malta) sabiex jirrapprezentaw lill-Airline Operations Controllers (Malta) ta' Airmalta plc ghal fini ta' negozjar kollettiv.**
**Prevja dikjarazzjoni jekk l-Association of Airline Operations Controllers (Malta) ghandhiex titqies bhala a separate collective bargaining unit ai finijiet u effetti tal-Ligi.**

**Chairperson : Is-Sinjura Doreen Parnis M.A., M. Qual, B.A., P.G.C.E.**

**Membri: Is-Sur Lawrence Mizzi**
**Is-Sur Colin Galea**

**Nhar it-Tlieta 4 ta' April, 2017**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' komunikat mill-Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili fid-19 ta' Dicembru, 2016 wara li rceviet ittra mill-Airmalta li nfurmat lill-Ministru Dr. Helena Dalli bit-tilwima industrijali li kienet inholqot bejn il-kumpanija Airmalta plc kontra Association of Airline Operations Controllers (Malta) u l-GWU.

Minn naha taghha s-Socjeta' qed tghid li tezisti tilwima Industrijali ghax l-AAOC qed issostni li ghandu jkollha r-rikonoxximent ewlieni mill-kumpanija (Airmalta) ghal din is-sezzjoni ta' haddiema ossia l-Airline Operations Controllers fi hdan l-Airmalta u li ghalhekk ghandha tinghata r-rikonoxximent ghall-fini ta' negozjar kollettiv. L-istess Socjeta' intimata qed tghid ukoll li l-GWU minn naha taghha qed issostni li hija hi li tirrapprezenta din is-sezzjoni ta' haddiema (l-Airline Operations Controllers) u li hi l-GWU li ghalhekk ghandha tinghata r-rikonoxximent ghall-gharfien ta' negozjar kollettiv.

Minn naha taghha l-Association of Airline Operations Controllers (Malta) fir-risposta taghha qalet li hija l-Union rapprezentattiva ta' l-Operations Controllers kollha mpjegati mas-Socjeta' Air Malta plc li jlahhqu b'kollox ghaxar haddiema, kollha membri taghha. Fl-istess risposta gew elenkati ragunijiet u fatti li jistghu jigu ppruvati illi jaghmlu din il-kategorija ta' haddiema, l-Operations Controllers, unici ghall-Airmalta, bi kwalifiki li jiddistingwuhom minn haddiema ohra, b'tahrig li jiddistingwihom minn haddiema ohra u li ghal daqstant ghandha tinghata gharfien trejdunjonistiku, ewlieni u esklussiv ghall-fini ta' negozjar kollettiv ghal Operations Controllers.

Minn naha taghha fir-risposta taghha l-GWU qalet li preliminarjament qed tghid li t-talba tas-Socjeta' intimata hija wahda irritwali in kwantu li ma gietx segwita l-procedura stipulata permezz tal-Avviz Legali 413 tas-sena 2016. Ir-risposta tghid ukoll li minghajr pregudizzju ghas-suespost, hija l-Union esponenti li hija rikonoxxuta u li fil-fatt tirrapprezenta s-sezzjoni ta' haddiema li l-Airline Operations Controllers fi hdan is-Socjeta' Airmalta plc jaghmlu parti , kemm b'din in-nomenklatura u anke b'nomenklaturi differenti u dan anke in segwitu ta' restructuring tas-Socjeta' Airmalta plc u ghalhekk hija l-Union esponenti li ghandha tigi rikonoxxuta u kkonfermata ghall-fini ta' negozzjar kollettiv.

Il-Partijiet kollha qablu u accettaw li ghandha tittiehed decizjoni preliminari fuq talba tal-GWU inkwantu t-Tempestivita' ta' dawn il-proceduri ghall-fatt li gie maqbuz l-istadju ta' konciljazzjoni mandatorja mitluba mill-Ligi, liema kwistjoni qamet mal-ewwel seduta meta l-partijiet kollha ghall-mistoqsija tat-Tribunal, ikkonfermaw li minkejja li gie mnizzel fil-komunikat li bih tressaq dan il-kaz quddiem it-Tribunal li sar intervent mid-Direttur ghar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-impjiegi biex tigi rizolta tilwima, fil-fatt ma sar l-ebda tentattiv ta' din ix-xorta quddiem id-Direttur.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhud mressaq mit-Tribunal, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjonijiet ta' l-Avukati Difensuri.

**Rapprezentanza**

Airmalta plc, kienet irrapprezentata mill-Avv Robert Abela

Association of Airline Operations Controllers (Malta) kienet irrapprezentata mill-Avv. Ian Spiteri Bailey

Il-General Workers Union kienet rapprezentata mill-Avv. Aron Mifsud Bonnici

**Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Aron Mifsud Bonnici** ghan-nom tal-GWU, ibbaza l-argumenti tieghu fuq il-fatt li diversi drabi l-partijiet imorru ghall-konciljazzjoni jidhlu mlewmin u johorgu minn hemm jiehdu b'idejn xulxin, u hafna drabi aktar iva milli le l-konciljazzjoni twassal ghal xi forma ta' ftehim, u ma tistax tassumi minn qabel li se tmur biex tahli l-hin. Dr. Mifsud Bonnici irrefera ghal decizjoni ta' Tribunal iehor fejn gie enfasizzat li l-konciljazzjoni hija mportanti u ghandha ssir. Il-fatt li mhix obbligatorja tfisser li l-Ligi tghid li jistghu jirreferuha lid-Direttur, jekk iridu jsolvuha, u jew jekk iridu jaqbzuha. Dr.Mifsud Bonnici qal li minkejja kienu konxji tat-talbiet tan-naha l-ohra, huma saru jafu li qed tigi registrata tilwima meta rcievew ir-rikors prezentat quddiem it-Tribunal. Il-GWU, qal Dr Mifsud Bonnici, la rceviet stedina ghal process ta' konciljazzjoni, la korrispondenza, la referta mid-Direttur tax-Xoghol li ftehim ma hemmx, ma rceviet assolutament xejn ufficjali minkejja li kienet taf x'qed jigri. Ghalhekk, kompla Dr. Mifsud Bonnici qed jistieden lit-Tribunal bl-eccezzjoni li illi jghid illi l-process kif sehh s'issa huwa rritu u null u huwa ntempestiv jigifieri li setghu waslu ghal dan l-istadju pero' qeghdin f'dan l-istadju fil-mument mhux kif suppost. Li huma thallew barra milli jiddeciedu jekk humiex sejrin konciljazzjoni ifisser li gew inkluzi fit-tilwima fejn jinteressahom il-partijiet l-ohra u fejn ma qabillhomx ma nkluduhomx. U jekk hemm tliet partijiet f'din il-kwistjoni, it-tlieta ghadhom drittijiet indaqs.

**Dr Ian Spiteri Bailey** ghan-nom tal-Association of Airline Operators Controller (Malta) qal li l-process beda meta giet iffurmata din l-Union li qed jirrapprezenta u ressqu r-rapprezentazzjonijiet taghhom ghalfejn huma ghandhom jirrapprezentaw dik il-kategorija ta' haddiema. Dr. Spiteri Bailey qal li huma dejjem kienu qed jigu nfurmati illi s-Socjeta' kienet qed tressaq il-pretensjonijiet li qed iressqu huma mal-GWU. Huwa qal ukoll li meta sema' lil Dr. Mifsud Bonnici jghid li ma kienux infurmati qal li huwa sorpriz b'dan. Rigward Artiklu 69 Dr. Spiteri Bailey qal li l-Ligi hija cara li mhux tassattiva li tmur ghall-konciljazzjoni u l-partijiet fil-kwistjoni kienu huma u s-Socjeta' ntimata l-Airmalta, huma t-tnejn kellhom jiddeciedu u huma t-tnejn qablu li jmorru dritt quddiem it-Tribunal.

**Dr. Robert Abela** ghan-nom tal-Airmalta plc qal li l-kumpanija tkellmet maz-zewg Unions. In-naha tal-GWU dejjem qalet li mhumiex lesti li jaslu ghal ftehim u n-naha l-ohra qalet li se jsostnu l-pozizzjoni taghhom. Qal ukoll li s-Sur Cristiano jista' jikkonferma bil-gurament illi avvicina r-Rapprezentanti taz-zewg Unions. Qal ukoll li ma kienx hemm sitwazzjoni ta' zblokk ghax it-tnejn qed izommu l-pozizzjoni. Dr Abela qal li qed jintalab jiddeciedi t-Tribunal huwa punt pjuttost importanti ghaliex issa l-punt gie jekk il-konciljazzjoni hix mandatorja jew le skont il-Ligi. Dak li qed jintalab jiddeciedi t-Tribunal, jigifieri mhux fuq dan il-kaz partikolari imma ha jaghti decizjoni li haddiehor Dr Abela qal li hu jimmagina irid isegwi ghax ha jigi stabbilit punt ta' dritt. Huwa stieden lit-Tribunal jara jekk il-konciljazzjoni hix mandatorja jew le.

**Kunsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ried jistabbilixxi preliminarjament jekk it-talba tas-Socjeta' Airmalta plc hijiex wahda irritwali in kwantu li ma gietx segwita l-procedura stipulata permezz tal-Avviz Legali 413 tas-sena elfejn u sittax ( 2016), u t-tempestivita' ta' din il-fazi tal-kaz.

It-Tribunal jinnota li minkejja li mhux tassattiva li l-partijiet iridu jressqu l-kaz quddiem id-Direttur tax-Xoghol fejn wara dan jinhatar konciljatur li wara , jekk ikun il-kaz, jirraporta falliment fil-konciljazzjoni, id-Direttur, mbaghad hemmhekk ghandu jirreferi l-kwistjoni lill-Ministru. Veru li dan mhux obbligatorju, imma l-ghazla f'mohh dan it-Tribunal hija ghazla favur soluzzjoni mhux ghazla li wiehed ghandu jaqbizha ghax hekk jidhirlu , aktar u aktar jekk mhux il-partijiet kollha involuti qeghdin jaqblu li dan il-process offrut jigi maqbuz.

Dan it-Tribunal wasallu dan il-kaz b'ittra m'ghand il-Ministru li tindika car li l-involviment tad-Direttur ghadu u sa issa jibqa' validu hafna, li jaf fil-fatt iwassal ghal ftehim.

Dan it-Tribunal jinnota li minn barra din il-prattika sostnuta fil-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda mieghu issa hemm l-Avviz Legali 413 tas-sena 2016, li huwa l-process ta' verifika, liema process huwa esklussivament f'idejn id-Direttur tax-Xoghol. It-Tribunal jinnota b'mod generali li l-ezitu ta' verifika jkollu mpatt dwar gharfien ewlieni u esklussiv lil Union ghal fini ta' negozjar kollettiv.

Veru li l-konciljazzjoni mhix tassattiva, imma la jidher car , f'dan il-kaz, li l-partijiet mhumiex ekwivoci u hemm min iridha u hemm min le, jekk it-Tribunal jiddeciedi li ahjar jghaddi minghajrha jkun qed jibghat messagg li l-konciljazzjoni hija hela ta' hin u jaf inaqqas mill-gid u l-kredibilita' ta' kull konciljazzjoni avvicinata b'rieda tajba.

Il-fatt innifsu li sal-lum it-Tribunal jigi riferit lilu kaz ta' tilwima ndustrijali b'komunikat mill-Ministru li tirreferi li l-process wasal f'dan l-istadju, wara li fallew attentati ta' konciljazzjoni, lil dan it-Tribunal issahhahlu l-fehma li minkejja li hi ghazla, l-ewwel attentat jibqa' fl-ahjar interess ta' kulhadd, f'dan il-kaz li jsir attentat ta' konciljazzjoni, meta dan it-Tribunal ghandu quddiemu tliet partijiet direttament involuti, fejn parti wahda qed turi xewqa ghal konciljazzjoni, minkejja li tnejn minn tlieta qed jghidu le.

Il-fatt li s-socjeta' ikkonkludiet li ma kienx hemm sitwazzjoni ta' zblokk ghax iz-zewg nahat riedu jzommu l-pozizzjoni taghhom ma jdghajjifx is-sahha u l-intenzjonijiet tajba tal-medjatur u l-process ta' konciljazzjoni.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' l-ewwel eccezzjoni u jiddikjara u jikkonferma intempestivita' f'din il-fazi tal-kaz. B'hekk it-Tribunal jieqaf jisma' l-kaz u jibaghtu quddiem id-Direttur tax-Xoghol ghal konciljazzjoni.

B'hekk tintemm din it-tilwima tax-xoghol.

| | | |
|---|---|---|
| **Doreen Parnis** | **Lawrence Mizzi** | **Colin Galea** |
| **Chairperson** | **Membru** | **Membru** |